

Brussell, 16 ta' Mejju 2025
(OR. en)

8661/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0068(NLE)

MAR 73

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 7874//2/25 REV 2	
Nru dok. Cion:	7571/25 + ADD 1+ ADD 2
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-kontroll tal-Istat tal-port matul il-perjodu 2025-2029 – Adozzjoni

INTRODUZZJONI U SFOND

1. Fit-28 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemija hawn fuq lill-Kunsill.
2. Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ tistabbilixxi s-sistema tal-Unjoni dwar il-kontroll mill-Istat tal-port. Dik is-sistema hija bbażata fuq l-istruttura eżistenti minn qabel tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port ('il-MtQ ta' Pariġi')².

¹ Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57).

² Il-MtQ ta' Pariġi ġie ffirmat minn 22 Stat Membru tal-UE kif ukoll mill-Kanada, l-Iżlanda, in-Norveġja, il-Federazzjoni Russa (is-sħubija tinsab sospiża, ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/762) u r-Renju Unit.

3. Ċerti proċeduri, għodod u attivitajiet, bħal struzzjonijiet, tal-MtQ ta' Pariġi jsiru parti mid-dritt tal-Unjoni permezz tad-Direttiva 2009/16/KE u għalhekk ċerti deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kumitat tal-Kontroll mill-Istat tal-Port ('PSCC') tal-MtQ ta' Pariġi isiru vinkolanti fuq l-Istati Membri tal-UE.
4. Sal-2015, il-pożizzjoni tal-UE li kellha tiġi adottata fil-PSCC ġiet deċiża fuq bażi annwali. Billi r-regoli interni tal-MtQ ta' Pariġi jagħmluha diffiċli biex tiġi stabbilita pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fi żmien xieraq għal kull laqgħa individwali tal-PSCC, fl-2015 il-Kummissjoni pproponiet deċiżjoni qafas pluriennali, li tkopri l-perjodu 2016–2019, li ġiet debitament adottata mill-Kunsill¹. Dik id-Deċiżjoni tal-Kunsill kienet segwita mit-tieni deċiżjoni qafas pluriennali għall-perjodu 2020–2024².
5. Dan l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill, jekk jiġi adottat, jipprovdi qafas pluriennali għall-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-PSCC tal-MtQ ta' Pariġi, għall-perjodu 2025 sal-2029.

ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

6. Il-proposta ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu fil-laqgħat tiegħu tas-7 u l-14 ta' April 2025. F'dik l-aħħar laqgħa, saru xi bidliet għall-proposta li kienu soġġetti għal proċedura ta' silenzju informali, mingħajr ebda oġġezzjoni espressa mid-delegazzjoni.
7. Wara l-qbil milħuq fil-livell tal-grupp ta' ħidma, it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ġie rivedut mis-servizz tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill³.

AZZJONI MITLUBA

8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jeżamina u japprova l-abbozz ta' deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument ST 8474/25, imħejji mill-ġuristi lingwisti, u l-addendum tiegħu, u jibagħtu lill-Kunsill bil-ħsieb tal-adozzjoni f'sessjoni futura.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/381 tal-14 ta' Marzu 2016, ĠU L 72, 17.3.2016, p. 53.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/722 tad-19 ta' Mejju 2020, ĠU L 171, 2.6.2020, p. 4.

³ Iż-żewġ annessi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ma ġewx riveduti mis-servizzi tal-ġuristi lingwisti, u huma inklużi f'addendum tad-dokument 8474/25.

9. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat bl-adozzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.
-